

OPINJONI MOTIVATA: PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AJRU UNIKU EWROPEW (RIFORMULAZZJONI) (KUMM (2013) 410)

1 Raġunijiet

L-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru. 2 fuq l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u ta' Proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona, jipprova li kull Parlament nazzjonali jista', fi żmien tmien għingħat mid-data minn meta jirċievi abbozz ta' att leġiżlattiv uffiċjali tal-Unjoni, jibgħat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqis li l-abbozz in kwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

2 Opinjoni Motivata

Is-setgħa tal-Unjoni li tagħxi

Il-Parlament Malti jqis li l-Proposta tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara ta' hteieġa għal azzjoni leġiżlattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropeja. Hteieġa għal azzjoni mill-Unjoni huwa pre-rekwiżit kemm għal azzjoni fuq livell ta' UE kif ukoll biex tintlaħaq konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hteieġa għal azzjoni mill-UE għandha tkun sostanzjata minn evidenza miġbura u evalwata f'valwazzjoni ta' l-impatt, aktar milli minn perċezzjoni ta' bżonn li naġixxu. L-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll il-valutazzjoni ta' l-impatt, huma bbażati fuq il-perċezzjonijiet ta' hteieġa ta' azzjoni, li huma suġġettivi, b'kuntrast ma' evidenza oġġettiva ta' bżonn ta' azzjoni. Dan meta il-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali (FABs) imwaqqfa skont Regolamenti tal-UE għadhom kemm jibdedw jiffunzjonaw u għandhom ikollhom riżultati fix-xhur u s-snin li ġejjin. M'hemm l-ebda evidenza ċara ta' għaliex il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam u stadju għandu jiġi propost fuq livell Ewropew jew ta' dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġiżlazzjoni kif proposta.

Il-Proposta qed tintroduċi kunċetti radikali b'effett mill-2020, maħsuba biex tindirizza problemi li jitqiesu attwali mal-FABs. F'konformità mal-aħħar pakkett tas-SES, dawn l-FABs uffiċjalment bdew joperaw f'Diċembru 2012 u jidher li l-Kummissjoni stenniet li l-iskadenza ta' Diċembru 2012 kellha twassal għal riżultati pożittivi mil-FABs. Dan m'huwiex realistiku, meta wieħed iqis li l-FABs huma gruppi reġjonali u jeħtieġu ż-żmien biex jibdedw jagħtu riżultati mixtieqa. Wieħed għalhekk jistenna li l-Kummissjoni kellha tagħti aktar żmien sabiex l-FABs jistabbilixxu ruħhom b'mod xieraq u jibdedw jagħtu r-riżultati mixtieqa, aktar milli jfasslu bidliet radikali għat-tmien snin li ġejjin.

F'dan l-istadju, il-Parlament Malti huwa tal-fehma li kull azzjoni li tittieħed fuq livell Ewropew għandha tkun ta' natura mhux leġiżlattiva. Hekk biss tista' tiġi kkunsidrata u nkorporata d-diversità tal-FABs Ewropej u l-azzjoni tkun proporzjonali ma' dik kompetittiva f'dan is-settur kif ukoll tieħu ħsieb li tindirizza b'mod xieraq in-natura ta' dan is-servizz fejn is-sikurezza (*safety*) tas-servizzi bl-ajru ma' tiġix affettwata bl-ebda mod. Għaldaqstant, ma jkunx għaqli li tittieħed azzjoni leġiżlattiva meta l-qafas kurrenti tal-FABs għadu ma ġiex użat. Għal dawn ir-raġunijiet nemmnu li ċ-ċertezza legali għandha tkun implimentata permezz ta' miżuri li diġà

jeżistu kif ukoll permezz ta' miżuri oħrajn ta' gwida u trasparenti, flimkien ma' azzjoni f'kull każ fejn ikun hemm problemi.

Sa llum il-ġurnata, il-Kummissjoni ma pprovdietx evidenza konvinċenti biżżejjed li turi li l-miżuri proposti ġew evalwati permezz ta' *safety case*. Fil-qasam ta' l-avjazzjoni l-ebda tibdil fis-servizzi li jingħataw mill-ornituri tas-Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANSPs) m'għandhom jiġu proposti, u wisq inqas imwettqa, jekk ma jkunx hemm iċ-ċertezza li m'hemm l-ebda riskju għas-sikurezza. Diversi problemi ta' prestazzjoni u effiċjenza tal-ajru Ewropew diġa' qegħdin jiġu ndirrizati mill-FABs regionali li ġew mwaqqfa skont il-pakkett kurrenti tal-Ajru Uniku Ewropew u għalhekk din il-Proposta m'hijiex neċessarja u ħa toħloq xenarju kumpless li jaf jikkompjika s-settur u jħalli mpatt negattiv.

F'dan ir-rigward, huwa prematur biex f'dan l-istadju jiġu kkunsidrati rivizjonijiet ta' natura leġiżlattiva.

Miżuri fil-Proposta

F'konformità mal-ħsieb li l-Kummissjoni għandha tiffoka fuq ir-regolamenti ekonomiċi u b'mod partikolari fuq l-iskema ta' prestazzjoni u *s-Single European Sky ATM Research* (SESAR), filwaqt li l-*European Aviation Safety Agency* (EASA) (issa l-EAA, skont il-ftehim dwar l-istandardizzazzjoni tal-Aġenziji) tiegħu ħsieb li tikkoordina l-abbozzar tar-regoli tekniċi kollha, żdied l-Artikolu 28 il-ġdid biex jiddeskrivi l-mod li bih il-konsistenza bejn il-politika tas-SESAR u r-regoli tekniċi l-ġodda għandhom jiġu żgurati. Barra minn hekk ir-regoli l-ġodda dwar l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati li ġejjin mit-Trattat ta' Lisbona ġew inklużi fir-Regolament kollu. Wieheċ mill-bżonnijiet ewlenin li ġie identifikat fil-valutazzjoni tal-impatt kien il-ħtieġa li jissaħħu l-awtoritajiet nazzjonali, kemm fir-rigward tal-indipendenza tagħhom kif ukoll fl-għarfien speċjalizzat u r-riżorsi tagħhom. Għal dan il-għan, l-Artikolu 3 jiddeskrivi l-livell ta' indipendenza meħtieġa mill-awtoritajiet *vis-à-vis* il-fornituri tas-servizz li bi ħsiebhom jissorveljaw. Hemm ukoll previst perġodu tranżitorju sal-2020 minħabba li xi Stati Membri għandhom bżonn iwettqu xi riorganizzazzjoni amministrattiva. Barra minn hekk, ġew stabbiliti rekwiżiti aktar espliċiti dwar il-kompetenzi u l-indipendenza tal-ħaddiema impjegati, kif ukoll dwar kif jissaħħaħ il-finanzjament indipendenti tal-awtoritajiet permezz tal-iskema ta' ħlasijiet imposti fuq ir-rotot skont l-Artikolu 14. Biex jittejjeb l-għarfien speċjalizzat tal-awtoritajiet, fl-Artikolu 5 hemm previst *network* ta' awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll il-possibbiltà ta' self ta' esperti sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jibbenefikaw minn esperti ġejjin minn Stati Membri oħra.

Żdiedet id-definizzjoni tat-terminu "Awtorità Superviżorja Nazzjonali", fejn ġie ċċarat li, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandhom jitqiesu li huma l-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali, sabiex ma jkunx hemm bżonn tat-tieni saff ta' amministrazzjoni.

Id-dispożizzjoni ewlenija tal-Proposta hija Artiklu 10, liema Artiklu jipprovdi l-libertà ta' forniment tas-servizzi. Dan japplika għas-servizzi ta' appoġġ sa l-1 ta' Jannar 2020. L-Istati Membri huma obligati li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-forniment ta' servizzi ta' traffiku tal-ajru jkun separat mill-forniment ta' servizzi ta' appoġġ u b'hekk is-servizzi tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' appoġġ ikunu pprovduti minn entitajiet separati.

Ġie emendat l-Artikolu 11 dwar l-iskema ta' prestazzjoni biex jiġi razzjonalizzat il-proċess tal-iffissar tal-miri u biex jippermetti aktar iffukar tal-iffissar tal-miri fuq livell lokali. Dan jippermetti biex jiġu stabbiliti miri aktar maħsuba u preċiżi. Bħala sostenn għal dan, saru wkoll aġġustamenti żgħar fl-Artikoli 12 u 13 dwar il-ħlas u t-test ġie wkoll aġġornat sabiex id-dispożizzjoni dwar il-finanzjament tal-ħidmiet tal-awtorità tkopri wkoll l-estensjoni tal-EASA skont ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 biex twettaq xi wħud minn dawk il-ħidmiet.

L-Artiklu 16 kien emendat diġà taħt ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 biex jagħti l-FABs aktar importanza fuq il-prestazzjoni u dan il-proċess qed jitkompla f'din ir-reviżjoni. Il-FABS m'għandhomx jitqiesu bħala blokko statiċi tal-ispazju tal-ajru, iżda bħala inizjattivi mmexxija mill-industrija li jfittxu titjib fis-servizz ġenerali tal-forniment. Biex dan ikun possibbli, l-industrija trid tingħata aktar flessibilità biex tiżviluppa l-FABs, anki biex jitfasslu tipi differenti ta' FABs, li jiddependu minn fejn ikunu qed jistennew li jsibu l-aħjar sinerġiji. Għalhekk, l-enfasi tal-Artikolu issa huwa aktar fuq "sħubijiet industrijali" flessibbli u l-miżura ta' suċċess se tkun il-livell ta' titjib fil-prestazzjoni miksuba.

Is-servizzi fundamentali tat-traffiku tal-ajru, li huma kkunsidrati li huma monopolji naturali, jibqgħu skont ir-rekwiżit biex jinnominhom, iżda il-Proposta tipprovdi li s-servizzi tal-appoġġ jitħallew jiżviluppaw b'mod liberu filwaqt li jintuża l-potenzjal sħiħ tal-għarfien speċjalizzat, inkluż minn setturi oħra. Ġiet inkluża klawżola ta' salvagwardja, ibbażata fuq il-mudell tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 biex tiġi żgurata s-sigurtà u ma jiġux ipperikolati l-interessi ekonomiċi vitali. Huwa previst perjodu ta' tranżizzjoni sal-2020.

Fl-aħħarnett, fl-Artikolu 2(37) ġiet inkluża definizzjoni ta' servizzi ta' appoġġ biex tispjega liema servizzi huma mmirati ma' din id-dispożizzjoni. Fit-tieni kapitolu tal-Proposta, Artiklu 10 jippreżenta l-aktar provvediment radikali tal-leġislazzjoni proposta, jiġifieri li l-provedituri tas-servizzi ta' navigazzjoni għandhom jifirdu s-servizzi ta' appoġġ mis-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru. Dan il-provvediment iġib tibdil radikali fl-istruttura ta' kull proveditur ta' servizzi ta' navigazzjoni għax ma tibqax organizzazzjoni waħda li tħaddan u tkun responsabbli għas-servizz ta' kontrol ta' traffiku (*ATSP*) u għas-servizzi ta' appoġġ ta' komunikazzjonijiet, navigazzjoni u sorveljanza (*CNS*).

L-Artikolu 17 dwar il-ġestjoni tan-netwerk ġie aġġornat f'żewġ modi. L-ewwel nett, l-Artikolu li qabel kien inkonsistenti, ġie organizzat mill-ġdid biex l-elenkar tas-servizzi kollha li l-Maniġer tan-Netwerk jipprovdi jiddaħħal f'paragrafu 2 u elementi li kienu relatati mar-regoli tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-ġestjoni taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku tal-ajru — u għalhekk ma kienux relatati mal-Maniġer tan-Netwerk innifsu — ġew rilokati fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, li diġà jinkludi d-dispożizzjonijiet rilevanti li jikkonċernaw ir-regoli dwar il-ġestjoni taċ-ċirkolazzjoni. Marbut ma' dan, qed tiżdied referenza għall-portal tal-informazzjoni ajrunawtika mal-paragrafu 2 peress li dan is-servizz, sa ċertu punt, huwa diġà integrat fil-Maniġer tan-Netwerk, iżda mhux imsemmi b'mod espliċitu fir-Regolament.

It-tieni nett, l-Artikolu ġie rivedut biex ikun allinjat ma' dak il-lingwaġġ użat fir-Regolament (KE) Nru 1108/2009, biex b'hekk qed jitniżżlu l-“funzjonijiet” bħala s-“servizzi” u l-Maniġer tan-Netwerk qed jiġi ttrattat b'mod konsistenti bl-istess mod bħal fornituri oħra tas-servizz għal dak li għandu x'jaqsam ma' ċertifikazzjoni, sorveljanza u rekwiżiti ta' sikurezza. Il-lingwaġġ tad-definizzjonijiet rilevanti ġie wkoll aġġornat kif inhu xieraq. Fl-aħħar nett, ġiet inkluża dispożizzjoni fl-Artikolu 17 biex tkopri l-iżvilupp ulterjuri tal-Maniġer tan-Netwerk fid-

direzzjoni ta' sħubija industrijali sal-2020. Il-bżonn li jkun hemm attenzjoni akbar fuq il-klijent fost il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru kienet identifikata bħala qasam ta' titjib fil-valutazzjoni tal-impatt. Inħoloq l-Artikolu 19 ġdid biex jiżgura li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jiġu kkonsultati u nvoluti wkoll fl-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment. Inħoloq memorandum ta' spjegazzjoni iqsar separat biex jakkumpanja l-emendi proposti tar-Regolament Bażiku tal-EASA, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Konklużjoni

Il-Parlament Malti kkonkluda li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara ta' hteġa ta' azzjoni leġiżlattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropea u ta' dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġiżlazzjoni kif proposta. Il-Proposta ma tagħtix biżejjed każ tal-aspett ta' sikurezza qabel ma tibda s-separazzjoni ta' servizzi ta' appoġġ mis-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Għalkemm separazzjoni ta' dawn is-servizzi jista' jkun possibli fil-ġejjieni fil-qalba tal-Ewropa, dan ikun ħafna aktar diffiċli li jitwettaq f'pajjiżi fit-tarf tal-Ewropa, fejn fil-każ ta' Malta jinkludi pajjiżi fit-tramuntana tal-Afrika li m'humiex regolati bl-istess mod bħal dwak il-pajjiżi Membri tal-UE. Il-Kummissjoni wkoll, f'Artiklu 10, tipproponi miżuri li jistgħu jaffetwaw negattivament is-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali li huma stabbiliti fl-Istati Membri.

Il-Parlament Malti ddeċieda li joġġezzjona għall-Proposta u li jwassal din l-opinjoni motivata skont il-proċedura definita fl-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u ta' Proporzjonalità, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.